Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 14 – Il-Ħamis 31 ta' Lulju 2025 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali il-Ħamis 31 ta' Lulju 2025 fit-3:30 ta' wara nofsinhar.

Preżenti :

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**14.1 Talba**

14.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku

**14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati

**14.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

14.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**14.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għaz-żbir tas-siġar tal-Pjazza prinċipali se jkun qed isir fi tmiem din il-ġimgħa. Il-Ministeru se joffri il-ġardinar u makkinarju filwaqt li l-Kunsill jipprovdi l-ħaddiema u *cherry picker.* Dan ix-xogħol ser jitkompla ukoll il-ġimgħa d-dieħla. Iż-żbir qed isir mill-għoli u min-nofs. Dan ix-xogħol huwa kopert b'permess tal-ERA għal erba' snin.

14.4.2 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-attivita' tat-22 t'Awwisu fejn il-Kunsill tagħna ser jospita tfal mill-Ukrenja. It-tfal se jkunu fostna mill-4pm sa filgħaxija. Se nitolbu liż-żgħażagħ tal-KŻGH joffru tour tagħhom fil-lokalita tagħna. Filghaxija l-Għaqda tan-Nar ser tospithom għal BBQ tal-Festa. Is-Sindku talab li japprezza li jkun hemm xi uhud minnha li jakkumpanjahom ma dawra fir-rahal.

14.4.3 Is-Sindku rrefera wkoll għall-Ktieb Poetiku – Ir-Reġjun ħareġ sejħa biex nistiednu poeti lokali mill-komunità tagħna biex jikkontribwixxu poeżija relatata mal-lokalità t'Għajnsielem. Din tista' tkun bil-Malti u bl-Ingliż biex tinkludi lil kulħadd. Kull lokalità għandha tissottometti poeżija waħda, u total ta' 14-il poeżija jiġu ppubblikati fi ktieb kollettiv. Il-ktieb jitnieda fl-avveniment tal-għeluq tar-Reġjun, u kull poeta magħżul jirċievi onorarju ta' €250. L-iskadenza hi sa nofs Awwissu. Il-Kunsill qabel li ghandna nohorgu kompetizzjoni.

14.4.4 Is-Sindku għamel referenza wkoll għas-sistema tal-Aircondition tal-Kunsill li ma' kinitx qed tiffunzjona. Jidher li kien hemm leakage fil-kumpressur u l-Kunsill kellu jġib approvazjoni ta' direct order biex jinxtara kumpressur ġdid bl-ammont ta' €6989 inkluz il-VAT. Għaliex billi s-sistema hija 'Multi Split', kumpressur wieħed jforni l-units kollha tal-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

14.4.5 Referenza oħra mis-Sindku kienet għal-laqgħa li nżammet aktar kmieni illum ma' l-impreditur taljan ta' TIM Antonio Ianamorelli fejn ġew diskussi opporunitajiet ta' investiment fil-lokalita' tagħna.

14.4.6 Is-Sindku rrefera wkoll għall-attivitajiet li ġew organizzat s'issa permezz ta' Iljieli Sajfin' kienu suċċess speċjalment 'Cocomelon'. Sfortunatmanet minħabba ir-riħ ġew ikkanċellati 'Mickie Mouse and Cinema Nights' quddiem it-taraġ iżda kollox ma' kollox jidher li s'issa qed jkun hemm konkorrenza tajba ħafna.

14.4.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir talba mas-Segretarju Permanenti tal Ministeru għal u l-Ippjanar is-Sur Mario Borg dwar ftehim formali għal proġett tal-Pjazza. Xi ħaga li qed tinkwetana hija l-ispejjes professjonali tal-Perit li meta tikkalkula l-persentaġġ fuq ix-xogħol jintela' ammont li l-Kunsill ma għagndux fondi għalih. Il-Professional fees ma jistgħux jiġu covered mid-DPF. Importanti li ninkludu kollox għax jekk ma jkunx hemm fondi allokati jkun difficli li nagħmluhom. Is-Sindku spjega kif il-permessi mehtiega fosthom id-DNO jinsabu f'idejna.

14.4.8 Is-Sindku rrefera għat-talba għall- fuel allowance mill-ħaddiem Joseph Azzopardi għall-użu tat-truck tiegħu għax-xogħol ta' qtugh ta' haxix. Sar qbil li għandna ntuh xi ħaġa żgħira tal-fuel fix-xahar peress li qed juża t-trakk tiegħu u l-makkinarju tiegħu.

14.4.9 Is-Sindku għamel referenza għall-aħbar li possibilment ser issir bidla tal-Arcipriet wara l-festa. Is-Sindku propona li f'dawn iċ-ċirkustanzi, din is-sena għadna ssir eċċezzjoni u talab li jiġi diskuss il-Premju Ġieħ Għajnsielem f'din il-laqgħa stess. Il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Għajnsielem 2025 jingħata lill-Arcipriet Frankie Bajada.

## 14.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

14.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex gandott li hemm fi Triq il-Brieghen jimtela' bis-sement. Is-Sindku wieġbu li rridu niċċekjaw jekk jaqax fil-konfini tax-Xewkija.

14.5.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg faħħar is-suċċess li kisbet l-edizzjoni ta' Cocomelon Night ta' din is-sena. Huwa rrimarka li l-Bumping Castles qishom mhux posthom peress li qed jeqirdu l-iskop tal-attivita'. Sar qbil li għall-edizzjoni li jmiss għandna nżidu l-karattri bil-kostumi ta' Cocomelon u nistgħu nordnaw xi t-shirts kkuluriti.

14.5.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca staqsa dwar il-karrijiet ta' Triq il-Briegħen u jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku wieġeb li għad ma' kellux ċans jaħdem ikompli jaħdem fuqha iżda ser jiddiskutiha mall-Community Police u nkomplu naħdmu fuqha.

14.5.4 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex inaddfu taħt ta Lourdes għax kollu ħaxix biex jitnaddfu. Huwa rrefera għall-bins fl-entratura tneħħew u huma meħtieġa. Sar qbil li għandna nitolbu sabiex jerġgħu jitpoġġew mit-Taqsima tal-Indafa Pubblika.

14.5.5 Il-Kunsillier Stephen Mercieca ikkonferma li għall-Għajnsielemfest il-preżentatur u kantant JAnvil ikkonferma kif ukoll il-Magician Brian Role. Il-Kunsill qabel li għal din is-sena naraw li l-kantanti lokali nibgħatulhom nota li peress li Għajnsielemfest huwa showcase ta' talent lokali u li dejjem tajnihom opportunita' ta' talenti, nixtiequ li għal din is-sena l-partecipazzjoni tagħhom tkun b'xejn bħala ġest nobbli għal għan li jsir ġbir għall-Hospice Movement.

14.5.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-ħtiega ta' Carrying Capacity Study bħala linji gwida sabiex issir talba lil Gvern Centrali biex isir dan.

14.5.7 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex tinżabar is-siġra ta' Triq Żewwieqa.

14.5.8 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona sabiex id-*disability parking* ta' fejn il-bus stop quddiem każin jiġi trasferit man-naħa tal-każin peress li ma jagħmilx sens dik in-naħa u ma hu tal-ebda użu. Il-Kunsill qabel ma'din il-proposta u nitolbu lill-Transport Malta biex issir in-naħa l-oħra tat-triq ħdejn il-bank; l-ewwel parking mix-xellug faċċata tal-kazin tal-banda.

14.5.9 Il-Kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-proposta li għaddielu is-Sur Charlie Zammit għal meta fis-sena 2028 il-banda tagħlaq 100 sena, inġibu n-National Band of Italy. Sar qbil li għandna ngħaddu din il-proposta lill-Banda u kumitat.

14.5.10 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel ringrazzjament spjecjali lit-Taqsima tal-Pulizija għall-Kuncert ta' livell li għamlu fil-Pjazza tal-lokal tagħna.

14.5.11 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona li ghat-Tombola in the Square ta' nhar it-13 t'Awwissu nagħmlu Sandwiches ham and cheese u nordnaw pizza, kif ukoll drink u gelat biex nevitaw l-ispejjes u jibqa xi ftit qliegħ għall-festa. Il-kunsill qabel ma' dan.

14.5.12 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrapporta li hemm bozza fi Pjazza Tolfa li mhix tixghel u biex nikkoregu t-timer.

14.5.13 Il-Viċi Sindku Joe Debono talab sabiex inkomplu nisħqu fuq l-introduzzjoni mill-ġdid tas-servizz tal-berġa.

**14.6 Korrispondenza**

14.6.1 Ġiet trattata l-ittra li irċevejna mill-Għaqda tan-Nar sabiex fl-art li qed nikru fi Pjazza Tolfa jitpoġġa container simili għal tar-roti bl-affarijiet ta' l-istess għaqda. Il-Kunsill qabel li ghandna nagħmlulhom kundizzjonijiet li ma' jista jkun hemm l-ebda tip ta' nar u li jekk intuhom *notice* għandhom jitilqu mal-ewwel.

**14.7 Update dwar il-Proġetti**

14.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-proġetti kurrenti:-

**14.7.2 Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Il-permess huwa approvat mill-Awtorita tal-ippjanar permezz ta' DNO. (DN/00916/25). Il-proġett jinkludi pavimentar, it-taraġ, dawl u tisbiħ ieħor.
- Il-Perit se jkun qed japplika għal fondi tad-DPF mal-Awtorita tal-Ippjanar filwaqt li jiffinializza il-proċess tat-tenders.

**14.7.3 Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

**14.7.4 Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jsir wara s-sajf

**14.7.5 Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Qed nistennew ġuranta tal-inawgurazzjoni tal-proġett ippajant issa għal nofs Awwissu

**14.7.6 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Intbgħatet ittra ta' commencment notice to start works lil kuntrattur biex jkun jista jibda u jeħles fiż-żmien stipulat fit-tender. L-kuntrattu bgħat li jonqos xi xogħol ta' designs mill-Perit. Qed niġru wara il-Perit dwar dan. Sfortunatmaent, iz-zmien ghaddej b'risku li nitilfu l-fondi.

**14.7.7 Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Ix-xogħol miexi u qed jiġi mmoniterjat mit-team ta' Project Green.

**14.7.8 Bini Arkata**

- Qed nistennew responsibility form tigi sottomessa mill-Perit sabiex immexxu.

**14.7.9 Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar ġiet sottomoessa.

**14.7.10 Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Rudolph Cauchi għandu jibda ir-restawr tal-monument tal-Vittimi tal-Gwerra kif maqbul fil-laqgħat preċedenti fl-aħħar ta' Mejju.
- Għandu jigu kkunsidrat ezatt x'se jsir f'dan il-gnien minħabba l-spejjez nvoltu għaliex l-flus mill iskema mhuz bizzejed biex dan il-gnien jigi komplut.

**14.7.11 Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Għaddejin il-permessi neċessarji mal-BCA u insurance.
- Ix-xogħol mistenni jibda wara is-sajf

**14.7.12 Tisbiħ tat-taraġ wara il-Grand Hotel / Triq Hamri**

- Ġew preżentati disinni u kunċett mill- Perit Johnatan Cassar
- L-istima tax-xogħolijiet hi ta' madwar €20,000 jiddpependi x'tip ta materjali jintużaw
- Il-Kunsill qabel li japplika għal fondi meta jkun hemm possibilta li dan il-proġett jikkwalifika.

**14.8 Approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal- bordijiet għall- evalwazzjoni għall-offerti**

14.8.1 Ġew trattati r-riżultati tal-Bord tal-Evalwazzjoni għall-offerti ta:-

- GHJN/03/2025 - TENDER FOR STREET SWEEPING AND CLEANING OF URBAN ROADS USING LOW EMISSION SERVICE VEHICLE – GHAJNSIELEM GOZO . Il-Bord irrakkomanda li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos offerta u teknikament kompatibbli dik ta' Sultech għall-prezz ta' €89,175.40 għall-tlett snin.

14.8.2 GHJN/04/2025– TENDER FOR THE SUPPLY OF AN ELECTRIC TIPPER VEHICLE. Il-Bord irrakkomanda li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos offerta u teknikament kompatibbli, dik ta' Industrial Motors għall-prezz ta' €52,000. L-offerta l-oħra mitfugħa kienet dik ta' Mascot Ltd għall-prezz ta' €52,900. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni iżda ma jistax jaċċetta l-offerta qabel ma' jkollu l-eżitu tal-applikazzjoni numru SPI/SCI/07/2025 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

### 14.9 Iljieli Sajfin – Aġġornament

14.9.1 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif nhar is-Sibt li ġej 2 t'Awwissu hemm l-80's Retro Night flimkien ma' Alex Grech. Il-ħaddiema se jkunu qed jarmaw it-tizjin bhas snin ta' qabel. L-orħos offerta tas-sound kienet ta' Teenage Sound flimkien ma' Micho Lighting għad-dwal.

14.9.2 Nhar is-Sibt 16 t'Awwissu se jkun hemm il-festival ta' Echoes from the Sea flimkien ma Ira Losco, Pierre Cordina u Jolene Samhan. L-orħos offerta tas-sound kienet ta' Antoine Debrincat – ProStage flimkien ma' Joseph Cutajar għad-dwal. Il-palk se jkun provdut mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

14.9.3 Nhar il-Hamis, 21 t'Awwisu, GħajnsielemFest 2025 se jkun qed jipprezenta J. Anvil. L-orħos offerta tas-sound kienet ta' High End Sound flimkien ma' Joseph Cutajar għad-dwal. Inġarħet sejħa għal pateriċpanti għal dan il-festival tat-talent. Il-palk se jkun provdut mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

14.9.4 Nhar il-Ġimgħa, 22 t'Awwisu se jsir BBQ tal-Festa bil-partecipazzjoni tal-Joygivers.

14.9.5 Sar qbil li ghandna nibdew naghlqu t-triq minn nhar il-Hadd 3 t'Awwissu.

### 14.10 Festa 2025 – Preparamenti

14.10.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li l-Kunsill għal darb'oħra se jkun qed jagħti is-sehem tiegħu fl-akbar attivita fir-raħal. Dawn jinkludi fost l-oħrajn:

- Se jkun hemm bżonn għajnuna u loġistika għad-delegazzjoni minn Tolfa;
- Għajnuna lil Banda San Ġuzepp waqt il-kunċert annwali li jsir b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Għajnsielem;
- Għajnuna ta' loġistika lil għaqdiet tar-raħal li jaħdmu għal festa fl-attivitajiet matul is-sajf;
- Immaniġjar tat-traffiku flimkien mal-Pulizija u Transport Malta;
- Ftuħ tal-lattrina pubblika sa' tard bil-lejl;
- Tpoġġija u tbattil ta' bins;
- Tpoġġija ta' mwejjeg u bankijiet fil-food court (parkeġġ);
- Dwal mal-galleriji (floodlights) sabiex jsir marċ minn Pjazza Tolfa;
- Tpoġġija ta' mobile toilets

14.10.2 Sar qbil li għandna noħorġu Request for Quotation għat-tindif tal-festa u ħasil tat-toroq fejn jgħaddu l-marċijiet.

## 14.11 Inawgurazzjoni Proġett Tisbieħ Faċċata tal-Iskola

14.11.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li l-proġett huwa lest u l-bankijiet waslu wkoll. Qed nistennew data mill-Ministeru għall-Ambjent sabiex ninawguraw il-proġett.

## 14.12 Ġemellaġġ f'Loretu – Ottubru - Novembru 2025

14.12.1 Is-Sindku rrefera għal Grant Agreement tal-applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li l-kunsill ser jibbenifika minn €20,300. Apparti hekk nistgħu napplikaw għal cofinancing u b'hekk bħala budget totali jkollna madwar €30,000. Sadanittant għadna qed nistennew l- approvazzjoni tal-Ġemellaġġ minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali iżda l-applikazzjoni tinsab miexja. Peress li l-banda qed taqta qalbha għax mhix lesta li toħroġ dak l-ammont mill-parti tagħha. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li għal ġemellaġġ nistiednu lil għaqdiet kollha li jtellgħu rapprezentanza tagħha għal dan l-iffirmar u noħorġu parti sostanzjali mill-ispiża. Għal dan l-avveniment iridu jippartecipaw sa mill anqas 70 ruh. Il-Kunsill qabel li għandna naraw intellghux tour leaders ta' esperjenza magħna u l-mawra għandha ssir lejn l-aħħar ġimgħa t'Ottubru (skond l-availability ta' flights) u tkun tikkonssti f'ħames t'ijiem (erbat iljieli).

14.12.2 Sar qbil li għandna noħorgu Request for Quotations għall- Flights bejn it 23 u s-27 t'Ottubru kif ukoll jibdew perparamenti ta' loġistika jew transport inkella jkun hemm persuna bl-esperjenza f'dan il-qasam sabiex tikkordina il-loġistika ta' grupp daqstant kbir.

.

## 14.13 Sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill

14.13.1 Is-Sindku spjega kif attwalment, minħabba l-volum ta' proġetti u l-claims relatati magħhom, il-Kunsill jinsab f'pozizzjoni finanzjarja xi ftit preokkupanti. Għalhekk huwa saħaq biex indaħħlu f'moħħna aktar mentalita' ekonomika u naraw li ma nonfqux flus aktar minn dawk proġettati.

## 14.4 Approvazzjoni tal-Pagamenti

14.4.1 Ġiet preżentata l-iskeda numru 145 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 14.15Materji oħra

Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**14.16 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fl-4:00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2025 fis-13:00pm.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***